**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**
**vs**
**Jesmond [Joseph-Mary] Zammit**

**Illum 27 t'Ottubru, 2018**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Jesmond [Joseph-Mary] Zammit u detentur tal-karta tal-identita' 281763(M).

Akkuzat talli fil-lejl ta' bejn is-26 ta' Ottubru 2018 [26.10.2018] u s-27 ta' Ottubru 2018 [27.10.2018]:

1. Fil-hanut 'Buddies Bar' li jinsab fi Triq San Guzepp, il-Hamrun u/jew f'dawn il-gzejjer, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna lil Joseph Camilleri mill-Hamrun, feriti ta' natura hfief skont ma' ccertifika Dr E. Agius Anastasi MD 3763 mill-Isptar Mater Dei, liema feriti maghmulin b'arma bil-ponta u/jew oggetti ohra li jniggzu;

2. U aktar talli fl-istess cirkustanzi hebb ghal Joseph Camilleri sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara;
3. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali kiser volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku;

4. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi garr u zamm sikkina jew strument li jaqa' jew bil-ponta minghajr licenzja jew permess tal-Kummissarju.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tapplika l-Artikolu  dan ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ai favur ta' Joseph Camilleri;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Joseph Camilleri u tapplika l-provvedimenti ta' Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien li thoss xieraq.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 27 t'Ottubru, 2018.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe' fedina penali mmarkata bhala Dok SZ1 u certifikat tat-twelid tal-imputat immarkat bhala Dok SZ2.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuza dedotta kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, jista' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Semghet id-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur li t-tieni u t-tielet akkuza servew bhaal mezz ai fini sabiex sehhet l-ewwel akkuza iktar gravi.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija, cara u inekwivoka maghmula mill-imputat u li ghalhekk din il-Qorti ma kelliex ghalfejn tahli izjed hin sabiex tigbor il-provi.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 217(2), 338(dd), 339(d),(e), 64(1,2), 383, 384, 385 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issibu hati tal-tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu, u qed tikkundannah ghal perjodu ta' sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sospizi ghal perjodu ta' erba' (4) snin.**

**Il-Qorti tikkundannah ukoll multa ta' mija u sittax-il ewro u seba' u erbghin centezmu (€116.47) li ghandha tithallas fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.**

**Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat fi kliem semplici l-portata tas-sentenza moghtija ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Tapplika wkoll l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta taht penali ta' elf u hames mitt ewro (€1500) ghal zmien sena fejn il-persuna protetta hija Joseph Camilleri.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**